**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 25 ta' Lulju 2017**

**Pulizija**

**Spettur Josric Mifsud**

**Vs**

**Omissis**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Omissis, 35 sena, bin John u Josephine nee' Sultana, imwieled Pieta', nhar it-3 ta' Novembru, 1981, residenti fil-fondnumru 59, Triq is-Suq, Floriana, detentur tal-karta tal-identita' numru 605681M;

Talli f'dawn il-gzejjer nhar it-23 ta' Lulju, 2017, go Angelo, Triq l-Ahmar, Marsaskala, ghal habta ta' bejn it-tlieta w nofs u l-erbgha ta' wara nofsinhar (1530hrs – 1600hrs):

1) Ingurja, jew heddet, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku cioe' **PS601 Justin Spiteri, PS918 Clayton Azzopardi, PS1074 Luke Stivala, PC338 Clayton Azzopardi, PC509 Jurgen Pace, PC1189 Jurgen Falzon, PC1204 Kenneth Sultana u PC1212 Kurt Farrugia** waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hseib li jbezzahom jew li jinfluwixxu fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn **PS601 Justin Spiteri, PS918 Clayton Azzopardi, PS1074 Luke Stivala, PC338 Clayton Azzopardi, PC509 Jurgen Pace, PC1189 Jurgen Falzon, PC1204 Kenneth Sultana u PC1212 Kurt Farrugia ufficjali** pubblici

waqt li kien qed jaqdu d-doveri taghhom taghhom jew ma halliex jew fixkel jew indahal lil imsemmi ufficjal waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

3) Talli l-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, bil-hsieb li jaghmel ferita fuq il-persuni ta' **PC338 Clayton Azzopardi** u **PC1204 Kenneth Sultana** wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi hebb ghalihom b'hgiega, kif ukoll b'lista tal-injam lill-imsemmi **PC338 Clayton Azzopardi** u **PC1204 Kenneth Sultana**, liema delitt ma giex ezegwiet minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu;

4) Talli l-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Omissis hekk skond ma ccertifika Dr. Shazad Arian MD (Reg no. 3661);

5) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharaq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamara gewwa l-fond Angelo, Triq l-Ahmar, Marsaskala ghal valur t'aktar minn €2500.00 ghad-dannu ta' Omissis;

6) Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'moghod iehor;

7) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied, kif ukoll dagha w kliem fahxi;

8) Il-Qorti hija mitluba sabiex titratta lill-imputat bhala ricedive ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' malta, b'diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

9) Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inklusa fil-mori tal-kawza konta Omissis, a beneficju ta' **PS601 Justin Spiteri, PS918 Clayton Azzopardi, PS1074 Luke Stivala, PC338 Clayton Azzopardi, PC509 Jurgen Pace, PC1189 Jurgen Falzon, PC1204 Kenneth Sultana u PC1212 Kurt Farrugia** u **Omissis u familja taghha** u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10) Il-Qorti hija mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' **PS601 Justin Spiteri, PS918 Clayton Azzopardi, PS1074 Luke Stivala, PC338 Clayton Azzopardi, PC509 Jurgen Pace, PC1189 Jurgen Falzon, PC1204 Kenneth Sultana u PC1212 Kurt Farrugia** u **Omissis u familja taghha** jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil **Omissis** b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq;

11) Ukoll il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihalsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fil-25 ta' Lulju 2017, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 41, 49, 50, 95, 221(1), 325, 338(m), 338(dd), 338(e), 383, 412C u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha multa ta' €800 (tminn mitt Ewro),

U kif ukoll ghall-piena ta' tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-inkjesta ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghadhom mhux maghrufa.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**